# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.33

## REGOLAMENTI DWAR SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI TAX-XANDIR

1 ta' Jannar, 2013*

*L-AVVIŻ LEGALI 468 tal-2012.*

**1.** Il-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Servizzi ta' Distribuzzjoni tax-Xandir. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir; Kap. 350.

"l-awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir;

"detentur tal-liċenza" tfisser operatur jew kull min ikollu liċenza mill-Awtorità biex jopera stazzjon tar-radju jew stazzjon tat-televiżjoni jew stazzjon tat-televiżjoni tat-*teleshopping* jew dak l-għadd ta' stazzjonijiet f'*network* ta' distribuzzjoni tax-xandir kif previst ut fl-artikolu 10(6) tal-Att;

"kanal" tfisser mogħdija unika ta' *bandwidth* speċifikata għall-ġarr ta' informazzjoni fuq sistema ta' distribuzzjoni tax-xandir;

"*network*" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-artikolu 16B(3) tal-Att;

"*network* ta' distribuzzjoni tax-xandir" tfisser *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użat għad-distribuzzjoni ta' kontenut tax-xandir;

"operatur" tfisser kull min jopera *network* ta' distribuzzjoni tax-xandir jew jipprovdi servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir jew li jopera *network* ta' distribuzzjoni tax-xandir u jipprovdi servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir;

"servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir" tfisser kull servizz ta' trasmissjoni li jiġi provdut fuq *network* ta' distribuzzjoni tax-xandir;

"servizzi ta' programmar" tfisser il-medda sħiħa ta' programmar ta' divertiment u informazzjoni offruti minn servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir;

"xandir minn operatur" tfisser dawk il-programmi, inklużi kanali, li jiġu oriġinati minn operatur pjuttost milli jiġu ritrasmessi bis-satellita jew stazzjonijiet tar-radju jew tat-televiżjoni ta' xandir *free-to-air* jew stazzjonijiet kemm tar-radju kemm tat-televiżjoni.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li jintużaw ukoll fl-Att għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att.

*ara r-regolament 1(2) ta' dawn ir-Regolamenti, kif promulgati oriġinarjament.

Liċenza għal servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir.

**3.** (1) Ħadd m’għandu jipprovdi servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir jekk ma jkollux liċenza maħruġa mill-Awtorità.

(2) Il-formola ta’ applikazzjoni għal liċenza ta’ servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir tidher fl-iSkeda I.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10 tal-Att, l-Awtorità tista’ tagħti liċenza tax-xandir lil operatur biex ikun jista’ jxandar dawk il-ġeneri ta’ programmi fuq il-kanal ta’ xandir minn operatur tiegħu jew kanali fuq in-*network* ta’ distribuzzjoni tax-xandir tiegħu hekk kif l-Awtorità tista’ minn żmien għal żmien tapprova. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dak hawn qabel imsemmi, dawk il-ġeneri ta’ programmi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(*a*) programm u informazzjoni oħra dwar in-*network* ta’ distribuzzjoni tax-xandir u l-ipprogrammar tiegħu;

(*b*) previżjonijiet ta’ programmi li jkunu sejrin jintwerew fuq in-*network* ta’ distribuzzjoni tax-xandir;

(*ċ*) *films* ċinematografiċi;

(*d*) programmar sportiv u simili;

(*e*) informazzjoni dwar it-temp u informazzjoni ġenerali. Dik l-informazzjoni ġenerali m’għandhiex, ħlief bl-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità, tkun tinkludi aħbarijiet jew programmi li jkollhom x’jaqsmu mal-aħbarijiet;

(*f*) divertiment ġenerali;

(*g*) sinjali bil-ħoss biss.

Kundizzjonijiet li taħthom jista’ jinhareġ servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir.

**4.** Id-dispożizzjonijiet tal-Att li jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom tingħata liċenza għal servizz ta’ xandir, inklużi dawk li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att, għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir:

Iżda l-Awtorità tista’ minn żmien għal żmien tissupplementa dawk il-kundizzjonijiet jew tadatta dawk il-kundizzjonijiet għal esiġenzi ta’ servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir speċifiċi.

Drittijiet għal liċenza.

**5.** L-Awtorità għandha tiġbor dawk id-drittijiet għal liċenza mingħand detentur tal-liċenza kif stipulati fl-iSkeda III.

Preżentata ta’ skedi ta’ programmi.

**6.** Detentur tal-liċenza għandu jipprovdi skedi ta’ programmi lill-Awtorità f’dak il-format, kull tant żmien u li jkun fihom dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista’ tistabbilixxi.

Tipi ta’ liċenzi għal servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir.

**7.** Bla ħsara għall-artikolu 10 tal-Att, l-Awtorità tista’ toħroġ liċenza lil servizz ta’ distribuzzjoni tax-xandir biex joffri servizzi ta’ xandir minn operatur bir-radju jew servizzi ta’ xandir minn operatur bit-televiżjoni bħal dawk jew kemm servizzi ta’ xandir minn operatur bir-radju jew servizzi ta’ xandir minn operatur bit-televiżjoni bħal dawk fuq *network* ta’ distribuzzjoni tax-xandir u servizzi ritrasmessi bir-radju jew bit-televiżjoni bħal dawk jew dawk is-servizzi ritrasmessi kemm bir-radju kemm bit-televiżjoni, kif hija tista’ tapprova.

Allinjament tal-kanali.

**8.** (1) Operatur għandu jippreżenta, mhux aktar tard mill-1 ta' Frar, 2013, talba lill-Awtorità biex tapprovalu l-allinjament tal-kanali tas-servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir tiegħu. L-operatur għandu jippreżenta formola ta' applikazzjoni kif stipulat fl-iSkeda II flimkien mal-informazzjoni dwar l-allinjament tal-kanali.

(2) L-Awtorità tista' jew tapprova jew tiċħad it-talba.

(3) Meta l-Awtorità tapprova t-talba, hija tista' tagħmel dawk il-kundizzjonijiet raġonevoli li tista' tqis li jkunu xierqa.

(4) Meta l-Awtorità tiċħad milli tapprova dik it-talba, l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

(5) Kull meta operatur jipproponi li jibdel l-allinjament tal-kanali minn kif approvat mill-Awtorità, l-operatur għandu jħares id-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (1) u l-Awtorità għandha tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) sa (4).

Provdiment ta' stallazzjoni u servizz bla ħlas.

**9.** Operatur għandu jipprovdi dak l-għadd ta' servizzi bla ħlas lill-Awtorità kif din tista' tistabbilixxi biex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet ta' monitoraġġ tagħha. Dak is-servizz bla ħlas ifisser l-istallazzjoni u l-provdiment ta' servizzi ta' programmar ta' operatur.

Sponsorjar ta' stazzjon.

**10.** (1) L-isponsorjar ta' stazzjon hu projbit.

(2) Għall-fini ta' dan ir-regolament "sponsorjar ta' stazzjon" tfisser it-tismija ta' kanali għal *sponsors*.

Servizzi ta' programmar.

**11.** (1) L-Awtorità tkun responsabbli għas-sorveljanza ta' *standards* ta' programmar.

(2) L-operatur għandu dwar programmi tax-xandir tiegħu nnifsu u li ma jkunux ritrasmessi jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar *standards* ta' programmar bl-istess mod bħal dak applikat mil-liġi għal stazzjonijiet tax-xandir li jkunu qegħdin jipprovdu servizzi simili.

(3) L-Awtorità tista', għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' morali pubblika, tordna lil operatur itemm jirritrasmetti xi programm jew kanal.

Reklamar, *teleshopping* u sponsorjar.

**12.** (1) Bla ħsara għall-artikolu 10(6) tal-Att, il-kanali ta' xandir minn operatur tiegħu nnifsu jista' juri reklami, *teleshopping* u sponsorjar kif hemm fl-Att u f'kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

(2) Il-kanali li jkunu qegħdin jiġu ritrasmessi mill-operatur fuq in-*network* ta' distribuzzjoni tax-xandir għandhom jintwerew flimkien mar-reklamar, sponsorjar u *teleshopping* oriġinali. Ir-reklami u t-*teleshopping* ma jistgħux jiġu bblukkati ħlief bil-permess tal-istazzjon ta' oriġini u jistgħu jiġu biss sostitwiti mill-operatur jekk jintlaħaq ftehim mal-istazzjon ta' oriġini u bil-kunsens mogħti bil-quddiem u bil-miktub mill-Awtorità.

Esklużjoni ta' radju diġitali.
L.S. 350.29.

**13.** Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma japplikawx għar-radju diġitali li għandu jibqa' jkun regolat mir-Regolamenti dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali.

SKEDA I

[Regolament 3(2)]

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL XANDIR MINN OPERATUR INNIFSU

SERVIZZ TA' DISTRIBUZZJONI

ISTRUZZJONIJIET ĠENERALI

(a) L-applikazzjonijiet għandhom ikunu ttajpjati. Jenħtieġu seba' kopji ta' din il-formola mimlija. Żid biss karti separati meta jissemma li tista' tagħmel hekk; altrimenti r-risposti għandhom jingħataw fl-ispazju allokat. Annessi li jkunu jagħtu informazzjoni addizzjonali, jew kull materjal ieħor (e.g. *cassettes*, dokumenti pubbliċitarji), m'għandhom jiġu inklużi kemm-il darba ma jkunux speċifikament mitlubin. Jekk dawn il-ħtiġiet ma jitħarsux l-applikazzjoni tista' tiġi skwalifikata. Wara li tiġi ppreżentata din il-formola ta' applikazzjoni lill-Awtorità tax-Xandir, kull kuntatt bejn l-applikant u l-Awtorità għandu jkun biss wara li ssir talba għaldaqstant mill-Awtorità.

(b) Wara li din il-formula timtela, din għandha tiġi indirizzata liċ-*Chairman* tal-Awtorità tax-Xandir.

PARTI I - INFORMAZZJONI ĠENERALI

1a. ISEM, INDIRIZZ U NUMRU(I) TAT-TELEFON TAL-ORGANIZZATURI PRINĊIPALI TA' DIN L-APPLIKAZZJONI
(għal finijiet ta' kuntatt: mhux iktar minn żewġ persuni).

Isem (1) (2)
Indirizz

Telefon
(matul il-ġurnata)
mobile
fax
e-mail

| | |
|---|---|
| 1b. | STATUS LEGALI TAL-APPLIKANT<br>(ara l-Artikolu 10 tal-Att dwar ix-Xandir) |
| 2. | KONTENUT U ĠENERI TA' PROGRAMMAR<br>Dan hu li int qed twiegħed bħala 'Wegħda ta' Eżekuzzjoni'. Agħti fil-qosor il-ġeneri ta' programmar li ser jixxandru fuq dan l-istazzjon. |
| 3a. | DIRETTUR MANIĠERJALI<br>Isem: Età:<br>Indirizz:<br><br>Ċittadinanza:<br>Sfond/Esperjenza:<br><br>Telefon:<br>*Mobile*:<br>*Fax*:<br>*e-mail*: |

| | |
|---|---|
| 4. | PERSUNAL |
| 4a. | EŻEKUTTIVI / PERSUNAL ANZJAN (inklużi dawk imsemmija fis-Sezzjoni 3) - agħti isimhom, l-età, indirizz u ċittadinanza (jekk m'humiex Maltin) ta' kull individwu s'issa maħtur jew identifikat għall-immaniġġar ta' stazzjon jew karigi oħra ta' persunal anzjan. Agħti fil-qosor l-isfond personali tagħhom u kull esperjenza preċedenti rilevanti li kellhom, u semmi l-kariga li l-individwu jkun ser jokkupa. (Uża aktar folji jekk ikun meħtieġ). |
| 5. | PROGRAMMAR |
| 5a. | Matul liema siegħat tal-ġurnata bi ħsiebek ixxandar? (Jekk dawn ikunu differenti minn ġurnata għall-oħra, jekk jogħġbok semmi kull ġurnata tal-ġimgħa separatament). |

6. RESPONSABBILTÀ EDITORJALI - EDITUR

6a. Min ser jiġi reġistrat taħt l-Att dwar l-iStampa bħala l-persuna responsabbli għall-kontenut editorjali tas-servizzi ta' distribuzzjoni tax-xandir?

Isem u kunjom:

Indirizz:

Tel.:

*Fax*:

*e-mail*:

*Mobile no.*:

Kull bidla fl-informazzjoni mogħtija hawn qabel għandha tiġi avżata lill-Awtorità tliet ijiem tax-xogħol qabel ma jseħħu dawk il-bidliet.

Għandu jiġi nnutat li kull penali li tiġi imposta mill-Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità għal xi ksur tal-Kostituzzjoni, tal-Att dwar ix-Xandir u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħthom għandha tinħareġ kontra l-Editur. L-Editur għandu wkoll jiżgura kull konformità ma' dik il-leġislazzjoni.

7. L-UDJENZA

7a. Kemm hi kbira l-udjenza li bi ħsiebek tiġbed? L-istazzjon tiegħek ser jappella b'mod speċjali għal xi gruppi partikolari fost il-popolazzjoni (jekk iva, min huma dawn)? Xi prova għandek tad-domanda pubblika għat-tip ta' servizz ta' programm li qed tipproponi? (Jekk saret xi riċerka speċifika fost l-udjenza, uża din il-paġna u sa mhux aktar minn paġna addizzjonali waħda biex tagħti fil-qosor ir-riżultanzi ewlenin ta' ċertu rilevanza. Tinkludix rapporti sħaħ dwar ir-riċerka fost l-udjenza mal-applikazzjoni).

Niċċertifika illi, safejn naf jien, il-partikolaritajiet mogħtija f'din l-applikazzjoni għal liċenza biex jiġi provdut servizz ta' xandir b'radju diġitali huma korretti, u li jiena qrajt l-Att dwar ix-Xandir u nifhem il-pattijiet li taħthom jinħarġu l-liċenzi għax-xandir. Nifhem illi, jekk ningħata l-liċenza, jkollhom jintgħamlu reġistrazzjonijiet fuq it-*tape* ta' kull ma joħroġ, minbarra *tapes* kummerċjali, *records* jew diski (li juru wkoll il-ħin), u jinżammu għal disgħin ġurnata qabel ma jiġu riċiklati u li jekk *phone-ins* jikkostitwixxu parti mill-ipprogrammar tal-istazzjon għandu jiġi stallat *delay mechanism* u jingħataw istruzzjonijiet dwar l-użu tiegħu meta dan ikun meħtieġ.

Firma:

Isem (b'ittri kbar):

Pożizzjoni fi ħdan il-grupp li qed japplika:

## SKEDA II

[Regolament 8(1)]

Formola ta' applikazzjoni minn Provditur ta' Servizz Elettroniku għar-Ritrasmissjoni ta' Servizzi ta' Xandir

(a) Niżżel f'lista isem il-kanali tat-televiżjoni li ser ikunu inklużi fl-allinjament tal-kanali tal-provditur ta' servizz elettroniku.

(b) Niżżel f'lista isem il-kanali ritrasmessi barranin tar-radju li ser ikunu inklużi fl-allinjament tal-kanali tal-provditur ta' servizz elettroniku.

(ċ) Il-lista għandha tkun indirizzata lill-Eżekuttiv Ewlieni. Il-provditur ta' servizz elettroniku hu mitlub jibgħat kull bidla addizzjonali fl-allinjament tal-kanal li tista' ssir minn żmien għal żmien.

Allinjament tal-kanali

Niżżel f'lista l-istazzjonijiet tax-xandir bit-televiżjoni barranin ritrasmessi flimkien mal-allinjament tal-kanali fis-servizz provdut mill-provditur ta' servizz elettroniku.

| Isem il-Kanal | Awtorità tal-Liċenzjar Kompetenti | Numru tal-Kanal |
| --- | --- | --- |

Allinjament tal-kanali (ikompli)

Niżżel f'lista l-istazzjonijiet tax-xandir bir-radju barranin ritrasmessi flimkien mal-allinjament tal-kanali fis-servizz provdut mill-provditur ta' servizz elettroniku.

| Isem il-Kanal | Awtorità tal-Liċenzjar Kompetenti | Numru tal-Kanal |
| --- | --- | --- |

SKEDA III

[Regolament 5]

Drittijiet għal Liċenza

| | |
|---|---|
| 1. Dritt li għandu jitħallas meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal servizz ta' distribuzzjoni tax-xandir | €5,800 |
| 2. Id-drittijiet ta' liċenza li għandhom jitħallsu fis-sena minn *network* ta' distribuzzjoni elettronika għandhom ikunu dawn li ġejjin: | |
| (a) għall-ewwel servizz ta' xandir bit-televiżjoni wieħed li joriġina lokalment | €14,000 |
| (b) għal stazzjon ieħor li jxandar aħbarijiet u/jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti | €8,000 |
| (ċ) għal kull stazzjon ieħor li ma jxandarx aħbarijiet u programmi | €400 |
| Iżda jkun japplika biss dritt ta' applikazzjoni wieħed meta operatur ta' *network* ta' distribuzzjoni elettronika japplika għal aktar minn stazzjon wieħed fl-istess ħin. | |